Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,524, 21 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 256 tal-2025

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid fuq is-Suq ta' Injam u Prodotti tal-Injam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid fuq is-Suq ta' Injam u Prodotti tal-Injam u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Tqegħid fuq is-Suq ta' Injam u Prodotti tal-Injam, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 549.94.

Emenda ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fir-regolamenti prinċipali l-kelma "authorized" għandha tiġi sostitwita, kull fejn tokkorri, bil-kelma "authorised".

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Għan u applikabbiltà

2. (1) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam kif stabbilit fl-Anness tiegħu, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament (UE) Nru 995/2010.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw sat-30 ta' Diċembru 2025 iżda għandhom jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2028 biss fir-rigward ta' injam u prodotti tal-injam li ġew prodotti qabel id-29 ta' Ġunju 2023 u mqiegħda fis-suq mit-30 ta' Diċembru 2024.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "awtorità kompetenti" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

""awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita fl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;";

Kap. 549.

(b) it-tifsira "Direttur" tiegħu għandha tiġi mħassra;

(ċ) it-tifsira "injam" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

""injam" jew "injam u prodotti tal-injam" tfisser injam u prodotti tal-injam kif imfissra fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 995/2010;"; u

(d) fit-tifsira "uffiċjal awtorizzat" tiegħu l-kliem "mid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-awtorità kompetenti".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "Id-Direttorat tal-Agrikoltura għandu jkun l-awtorità kompetenti għall-finijiet" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni:".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "Operatur għandu jippermetti lil kull uffiċjal awtorizzat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Uffiċjal awtorizzat mill-awtorità kompetenti għandu jkollu l-poter sabiex".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "id-Direttur jista' jitlob" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tista' titlob".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fir-subregolament (1) tiegħu l-kliem "d-Direttur jkollu tabilħaqq għaliex jifhem" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti jkollha kawża raġjonevoli sabiex temmen" u l-kliem "id-Direttur jista' jinnotifika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tista' tinnotifika";

(b) il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) il-miżuri li fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti, għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata l-konformità, inkluż

iżda mhux limitat għall-konfiska ta' kwalunkwe injam miksub bi ksur ta' dawn ir-regolamenti;";

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "id-Direttur jista', bħala miżura provviżorja, jipprojbixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tista', bħala miżura provviżorja, tipprojbixxi"; u

(d) fis-subregolament (4) tiegħu l-kliem "mid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-awtorità kompetenti".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fir-subregolament (1) tiegħu l-kliem "id-Direttur jista' jinnotifika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tista' tinnotifika";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragafu (ċ) tiegħu l-kliem "d-Direttur jikkunsidra" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tikkunsidra";

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "dak is-sejbien ta' ħtija," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dak is-sejbien ta' ħtija;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) kwalunkwe sanzjoni oħra applikabbli, inkluż iżda mhux limitata għall-konfiska ta' kwalunkwe injam miksub bi ksur ta' dawn ir-regolamenti,";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "lid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-awtorità kompetenti";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "mid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-awtorità kompetenti";

(d) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "lid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-awtorità kompetenti";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "lid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-awtorità kompetenti" u "id-Direttur jista' jispeċifika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika";

(e) fis-subregolament (5) tiegħu l-kliem "id-Direttur jimponi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti għandha timponi"; u

(f) fis-subregolament (8) tiegħu l-kliem "id-Direttur għandu jibda proċeduri jew jara li jinbdew proċeduri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-awtorità kompetenti tista' titlob li jiġu istitwiti proċeduri".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (i) tas-subregolament (1) tiegħu l-kliem "mid-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-awtorità kompetenti";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tiegħu l-kliem "tad-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-awtorità kompetenti";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Fir-rigward ta' proċeduri għal kwalunkwe reat kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti tista' tagħti favur l-Awtorità tali infiq u l-ispejjeż imġarrba fir-rigward ta' dawn il-proċeduri kif jidhrilha xieraq, inkluż iżda mhux limitat għall-ispejjeż imġarrba għall-ħażna, tneħħija, trasport u disponiment tal-prodotti importati.".